## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1162/2023 AD**

## ZETTALEADS LIMITED (C 85428)

**VS**

## COSIMO LAPESA (K.I. 0192743A)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tmienja (8) ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas tas-somma dovuta mill-intimat lis-soċjetà attriċi Zettaleads Limited fl-ammont ta' sebgħa u disgħin elf u seba' mija u erbgħa u ħamsin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€97,754.59), imressqa permezz ta' rikors ta' Zettaleads Limited preżentat fl-għaxra (10) ta' Ottubru, 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru, 2023 Gustav Cuschieri kkonferma bil-ġurament tiegħu u talab kif isegwi:

1. *Illi nhar it-22 ta' Awwissu 2021, il-konvenut Cosimo Lapesa daħal fi ftehim mas-soċjeta` esponenti u mas-soċjeta` ANG Limited (C 77071) għat-trasferiment ta' ishma (share transfer agreement) fis-soċjeta` ANG Limited (kopja tal-ftehim annessa u mmarkata bħala* ***Dok. ZL 1)****;*

2. *Illi fis-7 ta' Novembru 2021, l-istess partijiet daħlu fi ftehim ta' terminazzjoni, permezz ta' liema ftehmu illi l-ftehim ta' trasferiment ta' ishma surreferit għandu jiġi terminat u li l-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000) illi s-soċjeta` esponenti ħallset lil konvenut Cosimo Lapesa għandhom jiġu rifużi lill-esponenti fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-istess ftehim (kopja tal-ftehim hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. ZL 2)****;*

3. *Illi minkejja dak pattwit fil-ftehim ta' terminazzjoni surreferit, il-konvenut Cosimo Lapesa baqa' inadempjenti;*

4. *Illi konsegwentement, is-soċjeta` esponenti u l-konvenut Cosimo Lapesa daħlu fi ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 14 ta' Ġunju 2022 permezz ta' liema l-konvenut Lapesa ddikjara ruħu bħala debitur ċert u likwidu a favur tas-soċjeta` esponenti għall-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000) (kopja tal-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. ZL 3****);*

5. *Illi l-partijiet ftehmu illi dan l-ammont għandu jitħallas fi tliet (3) pagamenti, bl-ewwel pagament ammontanti għal ħamsa u tletin elf, tliet mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€35,333.32) għandu jitħallas fit-30 ta' Lulju 2022, filwaqt li l-bilanċ rimanenti għandu jitħallas fit-tletin (30) jum ta' kull xahar;*

6. *Illi minkejja dak pattwit fil-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu, il-konvenut Lapesa baqa' inadempjenti u ħallas biss pagament wieħed (1) ammontanti għal għaxart elef Ewro (€10,000) nhar l-1 ta' Settembru 2022;*

7. *Illi minħabba tali inadempjenza fl-obbligi pattwiti fil-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-imgħaxijiet komplew jiżdiedu u għaldaqstant sal-1 ta' Ġunju, 2023, il-konvenut Cosimo Lapesa kien debitur tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' sebgħa u disgħin elf, seba' mija u erbgħa u ħamsin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€97,754.59), u dan kif jirriżulta biċ-ċar mill-ittra legali mibgħuta lilu (annessa u mmarkata bħala* ***Dok. ZL 4****);*

8. *Illi dan l-ammont ta' sebgħa u disgħin elf, seba' mija u erbgħa u ħamsin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€97,754.59) huwa ċert, likwidu u dovut, u dan bla ħsara għal kwalunkwe imgħaxijiet oħra dovuti mill-1 ta' Ġunju, 2023 sad-data tal-pagament effettiv;*

9. *Illi sa fejn taf is-soċjeta` attriċi, il-konvenut m' għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet tal-istess soċjeta` attriċi, u għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

10. *Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont pretiż, huwa baqa' inadempjenti;*

***GĦALDAQSTANT****, is-soċjeta` attriċi umilment titlob illi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi l-konvenut Cosimo Lapesa huwa debitur tas-soċjeta` attriċi Zettaleads Limited fl-ammont ta' sebgħa u disgħin elf, seba' mija u erbgħa u ħamsin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€97,754.59);*

3. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sebgħa u disgħin elf, seba' mija u erbgħa u ħamsin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€97,754.59);*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dovut mill-1 ta' Ġunju, 2023 sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

3. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, sebgħa (7) ta' Novembru, 2023 b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjetà attriċi, u, fin-nuqqas, tgħaddi u tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.

4. Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-rikors ġuramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviż tas-smigħ tal-kawza fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar, 2024 fejn tħalliet kopja tal-istess fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema u mar-residenza tal-konvenut u fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar, 2024 permezz ta' estratt pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

5. Rat in-nota tas-soċjetà attriċi tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar, 2024 fejn jirriżulta li l-konvenut ġie notifikat permezz ta' estratt pubblikat fil-gazzetta lokali *The Malta Independent.*

6. Il-konvenut, debitament notifikat u msejjaħ diversi drabi, ma deherx waqt is-seduta tad-disgħa u għorxrin (29) ta' Frar 2024.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti u l-Art 170/(1) tal-Kap 12

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

9. Fl-ewwel lok, inkonsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa';

10. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-konvenut kien obbliga ruħu, permezz ta' ftehim datat 14 ta' Ġunju 2022 li għandu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitt elef euro (€100,000) li mil-liema somma fl-ewwel (1) ta' Settembru, 2022 ħallas biss pagament wieħed fl-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000) u għalhekk flimkien mal-imgħaxijiet jifdal bilanċ ta' **sebgħa u disgħin elf, seba' mija u erbgħa u ħamsin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 97,754.59).**

11. Il-fatt illi l-bilanċ għadu dovut fl-intier tiegħu, huwa fatt illi ma ġiex kontestat. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Joseph Xerry et***[1]:

> *Illi f'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:*
>
> > *"Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'" – "**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri",** Qorti Ċivili, Prim'Awla, per Imħ Maurice Caruana*

[1] Rik Nru 1278/2008, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 10 t'Ottubru 2019 (in ġudikat)

*Curran, 27 ta' Mejju 1970"* [Taliana Carmen v. Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA(PS)]

Il-konvenut ma ġab l-ebda prova illi effettivament għamel xi ħlas. Infatti, minkejja illi ġie debitament notifikat bir-rikors odjern, il-konvenut xorta waħda naqas milli jattendi għas-seduta u/jew mill-inqas jibgħat rappreżentant legali sabiex jidher għan-nom tiegħu. **Għaldaqstant, il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni illi t-talba tas-soċjetà attriċi għandha tintlaqa'**;

**Decide**

12. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiddikjara</u>** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba attriċi in kwantu tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma dovuta ta' **sebgħa u disgħin elf, seba' mija u erbgħa u ħamsin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 97,754.59)** liema somma tirrappreżenta penali skont ftehim privat iffirmat bejn il-partijiet,

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**